# Formola ta' Bidu ta' Impjieg għal Persuna Impjegata

**Noti għal min iħaddem:**

1. Din il-formola trid timtela għal **kull** persuna li tibda taħdem miegħek.

2. F'kull każ ta' bidu ta' impjieg, din il-formola mimlija kif imiss għandha tintbagħat lil Jobsplus fl-**ISTESS JUM** li fih jibda l-impjieg.

3. Jekk il-persuna li se taħdem miegħek **ma għandiex ċittadinanza Maltija** u li qatt ma ħadmet qabel, din għandha tippreżentalek:

   (a) Kopja *(minn wara u minn quddiem)* tal-Karta tal-Identità tagħha jew dik tal-Permess tar-Residenza maħruġa mill-Identity Malta;

   (b) Ikollha fil-pussess tagħha Ċertifikat ta' Reġistrazzjoni tan-Numru tas-Sigurtà Soċjali mill-Uffiċju tad-Dipartiment tas- Sigurtà Soċjali; jew ċertifikat mill-istess Dipartiment li tkun ġiet eżentata mill-kontribuzzjonjiet tas-Sigurtà Soċjali (Formola A1 - https://www.servizz.gov.mt/en/Pages/Inclusion_-Equality-and-Social-Welfare/Social-Solidarity/Benefits-and-Services/WEB635/default.aspx). In-Numru tas-Sigurtà Soċjali jeħtieġ li jiġi akkwistat mill-imsemmija persuna.

   (c) Fil-każ li l-impjegat prospettiv huwa detentur ta' Awtorizzazzjoni ta' Residenza Speċifika jew persuna bi Protezzjoni Sussidjarja / Status ta 'Protezzjoni Umanitarja Temporanja jew Status ta' Refuġjat, jekk jogħġbok kun żgur li huma koperti b'Liċenzja tal-Impjieg maħruġa taħt isimhom stess qabel ir-reklutaġġ tagħhom. Tali liċenzja tinħareġ mill-Unità tal-Liċenzjar tal-Impjiegi *(Employment Licence Unit)* fi ħdan Jobsplus.

4. Persuna li **ma jkollhiex ċittadinanza Maltija jew Ewropeja jew huwa persina li qed tfittex l-ażil / l-ażil kien miċħud,** tkun teħtieġ **Permess Uniku** *(Permess ta' Residenza u Xogħol)* minn Identity Malta, Msida – *e-mail*: citizenship@gov.mt u numru tat- telefown: 25904800. Ħaddiema barranin li mhumiex intitolati għal Permess Uniku jridu japplikaw għal Liċenzja tax-Xogħol minn Jobsplus – Employment Licence Unit (ELU), *e-mail*: **employment- licences.jobsplus@gov.mt.**

5. Minuri li għadhom fl-età obbligatorja li jadtendu l-iskola, dawn għandhom jippreżentawlek ċertifikat li teżenthom milli jmorru l-iskola. Dan iċ-ċertifkat għandu jinkiseb mis- ***Servizz ta' Appoġġ għall-Iskejjel Nazzjonali,*** **Triq Fra Gaetano Pace Forno, Ħamrun HMR1000** (numru tat-telefown: 21243523). Wieħed għandu jakkwistà wkoll ċertifikat li jista jaħdem mid-Dipartiment tal-Industrija u Relazzjonijiet tax-Xogħol (DIER) wara li l-imgħallem ikun ippreżenta rapport ta' valutazzjoni tar-riskju rigward il-post fejn ser ikun ser jaħdem il-minuri. Dan japplika wkoll jekk il-persuna tkun ta' età obbligatorja li tattendi għall-iskola u tkun bi ħsiebha taħdem matul il-vaganzi tas-sajf jew se tibda impjieg *part-time*.

   Skond Artiklu 2 tal-Att dwar l-Edukajjoni, "*Età obbligatorja għall-iskola*" tfisser kull età bejn il-ħames snin u l-ħmistax-il sena, it-tnejn inklużi, u għalhekk persuna titqies li hi tal-età obbligatorja għall-iskola jekk għalqet l-età ta' ħames snin u ma għalqitx l-età ta' sittax-il sena jew li ma tkunx lestiet l-aħħar sena tal-iskola sekondarja.

   Għaldaqstant, jekk il-persuna li se taħdem miegħek hija **Minuri** u tkun diġà temmet l-iskola imma għadha ma għalqitx is-sittax-il sena, din trid tipreżentalek iċ-Ċertifikat li temmet l-iskola jew il-formola li lestiet il-Ħames sena.

6. Iċ-ċertifikati msemmija f'paragrafu 3(a), u jekk ikun il-każ, iċ-ċertifikati msemmija fil-paragrafi 4 u 5, għandhom jintbagħtu lil Jobsplus flimkien ma' din il-formola.

7. Il-kliem użati fit-**Taqsima B (Dettalji dwar l-Impjieg)** ta' din il-formola għandhom jifthiemu kif ġej:

a) "*Kaswali*" jirreferi għal xogħol irregolari jew intermittenti, bla ebda aspetattiva ta' xogħol kontinwu.

b) "*Kuntratt Definit*" jirreferi għal impjieg temporanju, jiġifieri li jittermina wara perjodu determinat li jkun miftiehem bil-quddiem bejn min iħaddem u l-impjegat.

c) "*Kuntratt Indefinit*" jirreferi għal impjieg permanenti, jiġifieri impjieg li jibqa' wieħed validu sakemm xi wieħed mill-partijiet involuti jiddeċiedi li jitterminah.

d) "*Apprentista*" huwa min ikun għadu jistudja fi skema ta' edukazzjoni jew taħriġ u li fl-istess ħin beda jaħdem mal-imgħallem bħala parti minn dik l-iskema.

e) "*Teleworker*" hija persuna li qed taħdem mid-dar (jew post remot) billi tuża tagħmir bħat-telefown, l-internet, u l-email; u li din tkun ingaġġata ma' min iħaddem reġistrat f'Malta jew Għawdex.

*8.* **Fit-Taqsima Ċ (Dettalji ta' min iħaddem):**

*(a)* "*Numru ta' min iħaddem (Jobsplus)"* hu n-numru maħruġ mill-Jobsplus meta kumpanija jew persuna li taħdem għal rasha tiġi rreġistrata li qed tħaddem impjegati. Jekk din hija l-ewwel darba li qed tħaddem lil xi ħadd u għad m'għandekx dan in-numru, għandek tħallih vojt.

*(b)* It-terminu "*Household Employer* (*min iħaddem impjegati domestiċi*)" jista jintgħażel biss f'dawk il-każi fejn l-impjegati ser joffru għajnuna personali jew domestika lil imgħallem tagħhom *(bħal nannies li jieħdu ħsieb tfal id-dar tal-imgħallem; jew bħal ħaddiema tal-kura biex jgħinu persuni anzjani jew dawk bi bżonnijiet speċjali).*

(c) *Akronimi wżati*: MBR - Reġistru tan-Negozju ta' Malta.

9. Din il-formola għandha tintbagħat:

**Jobsplus Għawdex**
**Sezzjoni tar-Rekords tal-Impjiegi (ERU)**
**Triq Sir Arturo Mercieca**
**Ir-Rabat Għawdex VCT 2024**

*Email*: **hriuforms.jobsplus@gov.mt**

F'każ ta' diffikultà tista' ċċempel fuq **22201955/1875**

10. Din il-formola tista' tintbagħat ukoll minn fuq il-websajt: **www.jobsplus.gov.mt**

11. Imgħallem li ma jibgħatx din il-formola fiż-żmien stipulat jista' jeħel multa skont kif kontemplat minn Artiklu 50 sa 54 tal-Liġi Dwar Is-Servizzi Ta' Impjieg u Taħriġ ATT XXXIX tal-2018.

12. Tintbagħat irċevuta għal kull formola li tiġi pproċessata. Jekk il-prinċipal jew l-impjegat ma taslilhomx irċevuta, huma fid-dmir li jinformaw lil Jobsplus mill-aktar fis biex tintbagħat irċevuta oħra jew li jniżżluha direttament mis-sit elettroniku jekk tkun intbagħtet b'mod elettroniku.

13. Dawn in-noti jservu biss bħala gwida.

*"Jekk min jimpjega jimla din il-formola f'isem l-impjegat għandu jiżgura li l-informazzjoni meħtieġa sabiex timtela l-formola, jekk jista' jkun, tinġabar mill-impjegat/a innifsu. Kull fejn l-informazzjoni dwar l-impjegat/a tinġabar minn terza persuna, l-impjegat għandu jiġi nfurmat u l-korrettezza ta' din l-informazzjoni tiġi żgurata.*

*L-informazzjoni personali tinġabar, tinżamm u tintuża minn Jobsplus, kif ukoll tiġi mgħoddija lil terzi persuni sabiex twettaq il-funzjonijiet meħtieġa ta' Jobsplus skont id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar Servizzi ta' Impieg u Taħriġ (Kapitolu 594) tal-Liġijiet ta' Malta. Jobsplus se tuża l-informazzjoni personali skond id-dispożizzjonijiet tal-Att dwar il-Protezzjoni tad-Data 2018, ir-Regolament Ġenerali għall-Protezzjoni tad-Data KE/679/2016 u r-Regoli tal-Privatezza ta' Jobsplus (https://jobsplus.gov.mt/privacy-policy). L-informazzjoni personali li tiġi mgħoddija lil Jobsplus għandha tkun korretta u jekk ikun hemm xi bidliet, dawn għandhom jiġu kkomunikati lil Jobsplus minnufih. Kemm min iħaddem kif ukoll l-impjegati għandhom id-dritt li jaċessaw, ibiddlu jew iħassru, fejn applikabbli, l-informazzjoni personali li Jobsplus għandha dwarhom, kif ukoll li titlob li kwalunkwe informazzjoni personali mhux korretta tiġi rranġata."*

# FORMOLA TAL-BIDU TAL-IMPJIEG – PERSUNA IMPJEGATA

*Għal użu tal-uffiċju biss:*

## TAQSIMA A: DETTALJI PERSONALI

Numru tal-Karta tal-Identità/Passaport

Numru tas-Sigurtà Soċjali

Data tat-Twelid

Isem

Kunjom

Numru u/jew Isem tad-Dar

Triq

Lokalità

Kodiċi Postali

Indirizz Elettroniku

Numru tal-Mowbajl

Numru tat-Telefown

**Sess**

Raġel ☐ Mara ☐ Oħrajn ☐

**Nazzjonalità**

Maltija ☐ Ċittadinanza Doppja ☐

Unjoni Ewropeja ________________ ☐

Mux mill-Unjoni Ewropeja ____________ ☐

F'każ ta' ċittadin li mhux ġej mill-Unjoni Ewropea (UE), u li hu/hi dipendenti fuq xi ħadd b'nazzjonalità tal-Unjoni Ewropea (UE), niżżel in-nazzjonalità taċ-ċittadin tal-UE hawn taħt, u ehmeż kopja tal-*Karta tar-Residenza* jew l-Irċevuta Temporanja *(Interim Receipt)* maħruġa minn Identity Malta taċ-ċittadin li mhux ġej mill-Unjoni Ewropea. ☐

F'każ ta' ċittadin li mhux ġej mill-Unjoni Ewropea (UE), u hu/hi miżżewweġ/a Malti/Maltija, ehmeż id-dokument tal-"*Freedom of Movement by Marriage*" hekk kif maħruġ mill-Identity Malta. ☐

## TAQSIMA B: DETTALJI DWAR L-IMPJIEG

**Bażi tax-xogħol**

Full-Time ☐

Full-Time ☐ (*Ħin imnaqqas*)

Part-Time ☐

**Natura tax-xogħol**

Kuntratt Definit ☐

Kuntratt Indefinit ☐

Trainee / Apprentista ☐

Każwali ☐

Data tal-Bidu tal-Impjieg:

**Kariga / Tip ta' Xogħol**

**Lokalità fejn se tkun qed taħdem**

Għawdex ☐ Raħal / Belt

Malta ☐ Raħal /Belt

Barra minn Malta ☐ Raħal /Belt

**Arranġament tax-Xogħol**

*Teleworker* ☐

## TAQSIMA Ċ: DETTALJI TA' MIN IĦADDEM

Isem u Kunjom ta' min qed iħaddem *(il-Prinċipal)*

Isem l-entità kummerċjali *(Partnership / Kumpanija)*

Indirizz tal-entità kummerċjali

Lokalità

Kodiċi Postali

Numru tal-Mowbajl

Numru tat-Telefown

Indirizz Elettroniku

Is-Settur Prinċipali li fih topera l-Entità Kummerċjali

Numru ta' min iħaddem *(Jobsplus)*

Nru. tal-PE *(Dipt tat-Taxxa)*

Numru tal-VAT

Nru. tal-Kumpanija *(MBR)*

### Tip ta' Negozju

- ☐ Naħdem għal rasi *(ma nimpjegax nies)*
- ☐ Naħdem għal rasi *(bl-impjegati)*
- ☐ Organizzazzjoni Volontarja
- ☐ Bi Sħab (Partnership)
- ☐ Impriża konġunta (Joint Venture)
- ☐ Koperattiva
- ☐ Kumpanija (*holding*)
- ☐ Kumpanija (Ltd)
- ☐ Kumpanija li tagħmel parti minn grupp
- ☐ Kumpanija Barranija
- ☐ Kumpanija Maltija
- ☐ Dipartiment tal-Gvern
- ☐ Korporazzjoni/Awtorità
- ☐ Entità tal-Gvern
- ☐ Kumpanija li l-Gvern għandu maġġoranza tal-ishma
- ☐ Kumpanija li l-Gvern għandu minoranza tal-ishma
- ☐ *Household Employer* (*min iħaddem impjegati domestiċi*)

---

Firma ta' min iħaddem

Firma tal-Impjegat/a

Kariga ta' min iħaddem

Nru. tal-Karta tal-Identità ta' min iħaddem

Data ta' meta tintbagħat din il-Formola

**Jobsplus Għawdex: Rekords tal-Impjiegi**
Sir Arturo Mercieca Street, Victoria VCT 2024
Tel: +356 22201955/1875
Email: hriuforms.jobsplus@gov.mt